**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 209/2012**

**Illum: 15 ta' April 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Noel Cutajar**
**(ID 330482(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Noel Cutajar ta' 29 sena, bin Emanuel u Josephine nee` Incorvaja, imwieled il-Pieta` nhar il-11 ta' Gunju 1982, residenti Nru. 9, Triq San Frangisk, Marsaxlokk u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 330482(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer matul is-sena 2008:

Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-

pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi mressqa u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar l-20 ta' April 2009, gie arrestat certu Wayne Pantalleresco in konnessjoni ma' allegata *overdose* nhar il-15 ta' April 2009. Fl-istess jum, Pantalleresco irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija, liema stqarrija huwa kkonfermaha bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr. A. Micallef Trigona dakinhar stess. F'din l-istqarrija, fost ohrajn, Pantalleresco indika lill-imputat odjern bhala l-persuna li minghandha xtara gramma kokaina. Sussegwentement, fit-23 ta' Novembru 2011, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga esegwew mandat ta' tfittxija u arrest fir-residenza tal-imputat. Mill-kamra tas-sodda tal-imputat gew elevati xi kontenituri, tlieta minnhom bil-kelma '*Rush*' fuqhom u iehor bil-kelma '*Liquid Gold*'. Gew elevati wkoll speci ta' *bullet* ta' kulur roza u *mobile* Nokia tal-kulur iswed, dan tal-ahhar minn fuq il-persuna tal-imputat. L-imputat gie arrestat u ttiehed gewwa l-

Kwartieri Generali tal-pulizija ghall- investigazzjoni.[1] L-ghada nhar l-24 ta' Novembru 2011, ittiehdet stqarrija lill-istess imputat, wara li dan inghata s-solita twissija, kif ukoll id-dritt li jikkonsulta ma' avukat, liema dritt huwa ghazel li jezercitah. F'din l-istqarrija, l-imputat ghazel li ma jwegibx ghad-domandi li sarulu, kif kellu kull dritt li jaghmel skond il-ligi.[2]

Mir-relazzjoni tal-espert, ix-**Xjenzat Godwin Sammut**[3], jirrizulta illi d-dokumenti li huwa nghata ghall-analizi kienu s-segwenti: i) metall ta' lewn roza forma ta' pipa u ii) erba' fliexken tal-hgieg zghar issigillati kontinenti *Isopropyl Nitrite.* Skond it-*tag* annessa, dawn id-dokumenti gew elevati nhar it-23 ta' Novembru 2011 minn PS 891 fil-presenza tal-imputat odjern. Mill-konkluzjonijiet tal-istess espert, jirrizulta illi: a) fuq *swab* mehuda mill-metall forma ta' pipa ma nstabitx droga u b) is-sustanza *isopropyl nitrite* li hemm fil-fliexken iz-zghar jistghu jintuzaw bhala *inhalants for recreational purposes.* Din is-sustanza m'hijiex ikkontrollata mil-ligi.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fl-istqarrija datata 20 ta' April 2009 u minnu kkonfermata bil-gurament[4], kif inghad, meta mistoqsi jekk kienx gieli ha droga, **Wayne Pantalleresco** jghid illi huwa ha pillola bajda *ecstasy* 'tas-salib' fis-Sajf ta' qabel (ossia ghalhekk fis-Sajf tas-sena 2008) waqt *party* gewwa Paceville u li kien ha wkoll erba' pilloli *ecstasy* ta' lewn roza fil-15 ta' April 2009. Jghid illi dakinhar tal-15 ta' April 2009, huwa kien hareg mid-dar ghall-habta tat-3.30 p.m. u mar il-Kazin. Hemmhekk qghadu jixorbu sakemm mar certu Victor maghruf bhala l-Bambulin, li ha l-pilloli mieghu. Jghid illi huwa ha l-pilloli, mar ma' shabu gewwa l-*pitch* tal-*waterpolo,* hadu tnejn birra u regghu marru l-Kazin. Huwa jghid illi mbaghad gara li gara u dan fid-dawl tal-mistoqsija tal-Ufficjal Investigatur fejn irrefera ghall-*overdose* li sofra l-istess Pantalleresco gewwa l-Kazin fl-istess jum tal-15 ta' April 2009. Hawnhekk Pantalleresco jaghti deskrizzjoni u d-dettalji dwar dan Victor u jghid illi l-istess Victor gieli cempillu biex jghidlu li ghandu l-*ecstasy* xi jbiegh u li dakinhar kien tah dsatax-il pillola b'xejn, li minnhom huwa ha erbgha biss. Mistoqsi x'ghamel bil-hmistax l-ohra, jghid illi huwa ha erbgha u tah lura l-bqija. Jghid ukoll illi Victor tah dawn id-dsatax-il pillola gewwa l-Kazin tan-Nazzjonalisti u huwa mar bihom fejn il-*pitch* tal-*waterpolo* bil-karozza tieghu. Dahlu hemm u raw li ma kien

[1] Ara x-xhieda ta' **PS 891 Oscar Baldacchino**, a fol. 20 *et seq* tal-process u x-xhieda ta' **PC 760 Christopher Saliba**, a fol. 22 *et seq* tal-process.
[2] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 7 *et seq* tal-process.
[3] Din tinsab esebita a fol. 65 *et seq* tal-process.
[4] Ara l-istqarrija ta' Wayne Pantalleresco a fol. 4 *et seq* tal-process verbal esebit a fol. 14 tal-process.

hemm xejn u marru lura lejn il-Kazin u x'hin wasal hemm, huwa ha erba' pilloli u ta l-bqija ossia l-hmistax-il pillola lura lil Victor. Jghid ukoll illi l-gharus ta' ohtu kien rah b'dawn il-pilloli ghax kien mieghu u li huwa ma offra lil hadd minnhom. Jghid illi dan Victor kien cempillu filghodu u staqsih jekk riedx u huwa qallu biex igiblu fil-ghaxija minghajr ma semmielu ammonti. Pantalleresco indika n-numru tal-*mobile* ta' dan Victor u anke gharfu f'ritratt li gie muri mill-Ufficjal Investigatur.

Fl-istess stqarrija, imbaghad, l-Ufficjal Investigatur jistaqsi lil Pantalleresco dwar messagg misjub fil-*mobile* tieghu minghand certu Noel, f'liema punt, Pantalleresco jghid illi dan huwa Noel Cutajar li joqghod ftit 'il fuq mill-Kazin tal-Labour ta' Marsaxlokk. Meta gie ssuggerit lilu illi huwa gieli xtara minghand Noel, Pantalleresco jwiegeb fl-affermattiv u jghid illi darba xtara gramma kokaina minghandu, xi sitt xhur qabel (jigifieri ghall-habta ta' Ottubru 2008) u li kien hallsu €70. Dwar dan Noel, huwa jghid illi jaf li ma jahdimx, li jcekcek xi haga fuq il-bahar, karozza m'ghandux u li sa fejn kien jaf hu, dan ma jsuqx. Meta muri ritratt tal-imputat odjern, huwa jikkonferma li dan huwa Noel Cutajar maghruf bhala 'l-Galo' u jghid illi n-numru tal-*mobile* ta' dan Noel – 7926 9098 – kien qieghed fuq il-*mobile* tieghu. Jghid ukoll illi huwa qatt ma kellu kazijiet mal-pulizija u li ha d-droga biex jesperimenta.

Skond l-atti tal-process verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti, l-istess Pantalleresco ikkonferma din l-istqarrija tieghu u halef il-veracita` tal-kontenut taghha u identifika l-persuni li semma' fl-istqarrija tieghu, fuq ir-ritratti annessi mal-istess stqarrija.[5]

L-istess Wayne Pantalleresco, imbaghad, xehed f'dawn il-proceduri in ezami nhar il-25 ta' Jannar 2013[6] u in kontro-ezami nhar it-28 ta' Marzu 2014[7]. In ezami, huwa jikkonferma li l-Ufficjal Prosekutur kien baghat ghalih fl-20 ta' April 2009 u li huwa kien irrilaxxja stqarrija. Jghid illi l-imputat jafu ghaliex huma t-tnejn minn Marsaxlokk, li jismu Noel Cutajar, maghruf bhala 'il-Galu', izda li ma jiftakarx in-numru tal-*mobile* li kellu dak iz-zmien. Sar jaf lil Cutajar peress illi kienu mill-istess rahal, li gieli ltaqa' mieghu barra u hadu *drink* u li kien ilu jafu xi sena jew sentejn qabel tkellem mal-Ispettur. Ikkonferma li minghandu, huwa kien xtara gramma kokaina bil-prezz ta' €70 f'okkazzjoni wahda. Mistoqsi meta kien ghamel dan, huwa jghid li ma jiftakarx u mistoqsi kemm ghadda zmien minn meta kien xtara d-droga f'din l-okkazzjoni u meta baghat ghalih l-Ispettur, jghid illi ma kienx

---

5 Ara a fol. 1 tal-process verbal.

6 A fol. 24 *et seq* tal-process.

7 A fol. 74 *et seq* tal-process.

jaf bl-amment, izda wara mistoqsi jekk kinux ghaddew gimghat jew xhur, huwa jghid illi ghaddew xhur u jahseb snin ukoll. Mistoqsi kif kien xtara l-kokaina minghand l-imputat, huwa jghid illi kien iltaqa' mal-istess imputat il-Kazin tal-Labour ta' Marsaxlokk, ghaliex l-imputat kien mar hemmhekk, li huwa ma kienx cempillu qabel lill-imputat u lanqas l-imputat ma kienx kellmu qabel dwar dan, u li huwa stess kien staqsih jekk kellux gramma kokaina. Jghid illi l-imputat wiegbu fl-affermattiv, imbaghad gablu d-droga u huwa hallsu. Jghid illi d-droga ma kinitx fuq l-imputat, li ma kienx jaf minn fejn kien gabha, li kien tahielu dakinhar stess xi siegha jew saghtejn wara u li l-imputat kien qallu li kien ser imur u jerga' jigi u li dan hareg mill-Kazin u rega' gie lura. Jghid illi din il-gramma kokaina kienet go borza tal-*plastic* u cioe` borza trasparenti. Jghid illi huwa kien xtara d-droga minghand l-imputat f'dik l-okkazzjoni biss. Mistoqsi x'kien waslu biex jistaqsi lill-imputat ghad-droga, ix-xhud jghid li ghamel dan ghaliex haseb li l-imputat ikollu d-droga u wara diversi mistoqsijiet mill-Qorti u mill-Prosekuzzjoni, huwa jikkonferma li kien sema' minghand terzi persuni li l-imputat jista' jaqdik ghall-kokaina. Jghid illi qabel dakinhar qatt ma kien staqsa lill-imputat ghad-droga u li dakinhar kien staqsih ghaliex ried jesperjenza d-droga. Jerga' jghid illi kien huwa stess li staqsa lill-imputat ghall-kokaina. Ix-xhud ikkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu u gharaf il-firem tieghu u tal-Ispettur u gharaf ukoll ir-ritratt anness mal-istqarrija bhala r-ritratt tal-imputat.

In kontro-ezami, imbaghad, l-istess xhud jerga' jikkonferma li Cutajar ossia l-imputat odjern kien bieghlu d-droga u mistoqsi meta kien bejn wiehed u iehor, huwa jwiegeb li dan kien fis-Sajf ta' xi erba' snin qabel, u cioe` ghalhekk fis-Sajf tas-sena 2010. Jghid illi huwa qatt ma kien abbuza mid-droga u mistoqsi kif allura kien qal li l-imputat kien bieghlu d-droga, huwa jghid "*Ghax veru hux*"[8], li d-droga xtraha minghand l-imputat, ghall-uzu tieghu u dan bhala esperiment. Mistoqsi kif kien jaf li Cutajar qed ibiegh id-droga, huwa jghid illi kien staqsieh u dan qallu li kien ibiegh. Mistoqsi kif kien jaf li dik kienet kokaina, ix-xhud jghid li llum kollox tista' tara u ssir taf minn fuq l-*internet* u t-*television* u li minn hawn tkun taf il-kulur taghha u x'taghmel. Jghid illi huwa talab lill-imputat specifikatament ghall-kokaina. Mistoqsi jispjega kif m'ilux sofra minn *overdose* la darba qatt ma abbuza mid-droga, huwa jghid illi dan kien ilu li gara u li dan sehh wara. Jghid illi din kienet l-ewwel u l-unika darba li xtara minghand l-imputat u li l-*overdose* sehhet wara. Jghid illi huwa kien ha l-kokaina li tah Cutajar u mistoqsi dwar l-effett li din ghamlitlu, jghid li taghmlek *hyper.* Mistoqsi kienx cert li din kienet kokaina, huwa jghid li hekk jahseb u mistoqsi allura jekk jafx jekk kinitx kokaina jew stimulant

[8] A fol. 75 tal-process.

iehor jghid "*jista' jkun hux, ma nafx x'jaghmlulu jiena*".[9] Jghid illi lill-imputat huwa talbu l-kokaina u li l-effetti taghha kienu bhal kokaina, ghalkemm ma jafx x'kienet. Mistoqsi kif jaf x'kienu l-effetti tal-kokaina la darba huwa qatt ma kien ha minnha, huwa jghid li kif qal qabel, qara dwar dan fuq l-*internet.* Jghid illi wara qatt ma rega' ha kokaina u li l-*overdose* li kien sofra wara kienet konsegwenza ta' pilloli.

Fil-kontro-ezami tieghu[10], **l-Ispettur Johann J. Fenech** jispjega ghaliex ghaddew sentejn u nofs mid-data li fiha ttiehdet l-istqarrija ta' Pantalleresco u d-data li fiha saret it-tfittxija fir-residenza tal-imputat u jghid illi fil-frattemp huwa kien kiseb awtorizzazzjoni biex issir *controlled delivery* u dan fis-sens illi Pantalleresco jcempel lill-imputat biex jiftiehem mieghu dwar akkwist ta' droga, izda Pantallersco ma setax jaqbad lill-imputat fuq il-*mobile* u ghalhekk din ma rnexxietx. Jghid ukoll illi ghalkemm kien ukoll baghat xi nies sabiex josservaw lill-imputat, qatt ma gie osservat xejn illegali da parti tieghu.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi f'dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni qeghda ssostni t-tezi taghha illi l-imputat forna jew ipprokura d-droga kokaina matul is-sena 2008 unikament a bazi tal-istqarrija rilaxxjata mix-xhud Wayne Pantalleresco, liema stqarrija kif inghad giet ikkonfermatha minnu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, kif ukoll fid-deposizzjoni tieghu matul dawn il-proceduri.

Skond l-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. L-Artikolu 637 imbaghad jiddisponi illi f'kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, ghandu jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, jekk dik ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Gie imbaghad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal necessarjament ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata, imma l-gudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

---

[9] A fol. 78 tal-process.
[10] A fol. 17A tal-process.

In oltre skond l-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra. Imbaghad skond l-Artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, tista tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-istqarrija kif sussegwentement guramentata minn Wayne Pantalleresco quddiem il-Magistrat Inkwirenti, kif ukoll ix-xhieda moghtija minnu matul dawn il-proceduri u tqis is-segwenti:

Fl-ewwel lok, il-Qorti tinnota illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Ufficjal Investigatur, Pantalleresco ma qghad lura xejn milli jwiegeb ghad-domandi maghmula lilu u ghamel ukoll dikjarazzjonijiet li nkriminawh u li kienu jmorru lil hinn minn dak li sehh fil-15 ta' April 2009 ossia l-jum li fih huwa sofra *overdose*, skond hu, ghaliex kien ha erba' pilloli *ecstasy*. Hekk per ezempju, f'din l-istqarrija Pantalleresco jghid illi huwa kien ha pillola *ecstasy* fis-Sajf ta' qabel u jghid ukoll illi kien xtara gramma kokaina xi sitt xhur qabel, apparti li jammetti wkoll li fil-pussess tieghu, dakinhar tal-15 ta' April 2009, huwa ma kellux biss l-erba' pilloli li kien ikkonsma fl-istess jum, izda kien inghata dsatax-il pillola b'kollox. Issa f'dan ir-rigward veru wkoll illi x-xhud jghid illi kien inghata dawn il-pilloli b'xejn – fatt dan li l-Qorti tqisu bhala wiehed stramb ghall-ahhar ghaliex id-droga, specjalment f'dawn l-ammonti, ma tinghatax b'xejn ghalxejn u ghalhekk jista' jkun li x-xhud ma qalx il-verita` kollha meta gie mistoqsi dwar dawn il-pilloli, biss mill-banda l-ohra, il-Qorti tqis ukoll illi dwar dawn il-pilloli, huwa wiegeb ghal dak kollu li gie mistoqsi lilu mill-Ufficjal Investigatur li da parti tieghu, ma baqax jippressah jew jippersisti b'izjed domandi dwarhom u dwar il-fatt li huwa jghid li nghataw lilu b'xejn. Il-Qorti tinnota wkoll illi l-imputat mill-ewwel provda d-dettalji kemm dwar il-persuna li fornietu bil-pilloli, kif ukoll dwar l-imputat odjern u li minkejja li fix-xhieda tieghu, f'dawn il-proceduri, huwa jghid illi din kienet l-ewwel u l-unika darba li kkonsma l-kokaina, huwa provda d-dettalji dwar il-piz u l-prezz li huma attendibbli u anke kredibbli. *A tempo vergine* ix-xhud anke indika lill-imputat f'ritratt li gie muri mill-Ufficjal Investigatur u dan wara li diga` kien

indikah bhala Noel Cutajar minn Marsaxlokk, li minghandu kien xtara d-droga kokaina.

Il-Qorti tinnota wkoll illi fid-deposizzjoni tieghu f'dawn il-proceduri, kemm in ezami, kif ukoll in kontro-ezami, ix-xhud baqa' konsistenti fix-xhieda tieghu u baqa' jsostni illi f'okkazzjoni wahda huwa xtara gramma kokaina bil-prezz ta' €70 minghand l-imputat odjern. Il-Qorti tqis ukoll illi kien biss f'mument minnhom fix-xhieda tieghu in ezami li x-xhud kien donnu reticenti meta gie mistoqsi x'kien li waslu sabiex jistaqsi lill-imputat ghad-droga, izda wara li gie mfakkar li kien qieghed bil-gurament, huwa mill-ewwel qal illi kien sema' minghand terzi persuni li l-imputat kien ikollu d-droga – jew kif jghid hu, "*li jista' jaqdik*" – u f'dawn ic-cirkostanzi, kien kredibbli ghalhekk ix-xhud meta jghid illi huwa stess kien staqsa lill-imputat ghad-droga, anke jekk dan ma kienx offrihielu hu spontanjement, hekk kif il-verzjoni tieghu kienet ukoll attendibbli u kredibbli meta qal illi d-droga xtraha f'borza tal-plastik trasparenti u illi l-imputat ma kellux id-droga fuqu, izda hareg mill-Kazin u rega' dahal biha wara xi hin, specjalment meta wiehed iqis illi x-xhud jghid illi ma kienx qal lill-imputat minn qabel li ried id-droga, izda talbu dak il-hin ghaliha, meta dawn iltaqghu. Il-Qorti tqis ukoll illi mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur, jirrizulta wkoll illi x-xhud ikkopera tant li kien lest li jippartecipa wkoll f'*controlled delivery* fil-konfront tal-imputat, liema *controlled delivery* madankollu ma rnexxietx. Wara li tqis dawn il-fatturi kollha, il-Qorti jidhrilha illi m'ghandha l-ebda raguni ghaliex tiddubita mix-xhieda ta' Pantalleresco u li kien veritier meta jghid illi xi sitt xhur qabel, huwa akkwista gramma kokaina minghand l-imputat odjern bil-prezz ta' €70. Il-Qorti hawnhekk tqis ukoll, in linja sussidjarja, illi x-xhud fl-istqarrija tieghu jghid dwar l-imputat odjern illi dan kien "*icekcek xi haga fuq il-bahar*". F'dan ir-rigward, l-istess xhud ukoll gie korroborat minn rikors ipprezentat fl-atti mill-istess imputat[11], liema rikors ghalkemm esebit f'Mejju tas-sena 2013 u ghalhekk jirreferi ghac-cirkostanzi tieghu f'dak iz-zmien, jghid illi l-imputat jahdem bhala sajjied. Dan juri kemm fil-fatt ix-xhud kien jaf lill-imputat u li kien konsapevoli sew dwar min kien qieghed jitkellem meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu.

Fit-trattazzjoni finali taghha, id-difiza tissottometti fl-ewwel lok illi Pantalleresco xehed in ezami illi ma kienx jiftakar id-data meta huwa akkwista din il-kokaina. Fid-deposizzjoni tieghu in ezami, fil-fatt meta mistoqsi dwar meta kien sehh dan l-akkwist, huwa jghid illi ma kienx jiftakar u li ma kienx jaf bl-amment u mbaghad jghid illi kienu ghaddew xhur u jahseb snin ukoll bejn iz-zmien li huwa xtara u z-zmien li baghat ghalih l-Ufficjal Prosekutur. In kontro-ezami, imbaghad, jghid illi

[11] A fol. 39 *et seq* tal-process.

dan sehh bejn wiehed u iehor fis-Sajf ta' xi erba' snin qabel – jigifieri fis-Sajf tas-sena 2010. Biss il-Qorti tinnota illi meta l-imputat xehed in ezami, diga` kienu ghaddew kwazi erba' snin minn meta huwa rrilaxxja l-istqarrija tieghu u meta xehed in kontro-ezami, kienu ghaddew kwazi hames snin u ghalhekk wiehed jifhem u huwa anke attendibbli li x-xhud ma ftakarx id-data li fiha huwa akkwista din id-droga u bl-ebda mod ma jista' jinghad illi dan inaqqas mill-kredibilita` tieghu. Mill-banda l-ohra meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu, ix-xhud qal li dan kien sehh xi sitt xhur qabel id-data tal-istess stqarrija – jigifieri ghall-habta ta' Ottubru 2008 – u stante li ghalhekk dan kien zmien ferm vicin tad-data li fiha huwa rrilaxxja din l-istqarrija, il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghaliex tiddubita din il-verzjoni tax-xhud u dan anke fid-dawl tal-fatt, illi x-xhud anke indika meta kien ha pillola *ecstasy* qabel l-incident tal-15 ta' April 2009 u f'dan ir-rigward irrefera ghas-Sajf tas-sena 2008 u ghalhekk jidher li seta' jiddistingwi bejn zmien u iehor.

Fit-tieni lok, id-difiza tissottometti illi ma giex ippruvat lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli illi dak li kien akkwista x-xhud minghand l-imputat kienet effettivament droga kokaina. Jirrizulta mid-deposizzjoni ta' Pantalleresco illi din kienet l-unika darba li huwa abbuza mid-droga kokaina u li seta' jghid illi din kienet kokaina minhabba li mill-*internet* wiehed seta' jkun jaf il-kulur tas-sustanza u l-effetti taghha u li fil-kaz tieghu, wara li ha din is-sustanza, din ghamlitu *hyper*. Issa x-xhud jghid ukoll, fuq domanda tad-difiza, illi jista' jkun li din kienet sustanza ohra u ghalhekk, anke ghaliex din kienet l-unika darba li x-xhud ikkonsma minnha, verament jista' jqum dubju dwar din x'kienet u jekk effettivament kinitx kokaina. Biss ix-xhud jghid ukoll illi huwa talab lill-imputat specifikatament ghall-kokaina u f'dan ir-rigward jghid hekk:

"Pros: Iltqajt mieghu hemm hekk u x'gara?

Xhud: U staqsejtu?

Pros: Xi staqsejtu inti?

Xhud: Jekk ghandux xi wahda jew le?

Pros: Wahda xiex?

Xhud: Gramma coke hux.

Pros: Staqsejtu hekk jigifieri inti

Xhud: Iva

Pros: U x'qallek hu?

Xhud: Qalli iva

Pros: u x'gara?

Xhud: Imbaghad gabhieli u hallastu u daqshekk."[12]

Ghalhekk anke fin-nuqqas ta' prova fil-grad rikjest mil-ligi illi s-sustanza li ghadda l-imputat lix-xhud kienet verament kokaina, jibqa' l-fatt illi l-istess imputat offra d-droga kokaina lil Pantalleresco. Ai termini tal-Artikolu 22(IB) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta:

"*Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza ghal traffikar f'medicina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, <u>li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti</u>, u l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.*" [sottolinear mizjud]

Dan ifisser illi d-definizzjoni ta' traffikar fl-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tinkludi l-att ta' min joffri li jipprovdi d-droga. Ghalhekk bil-fatt <u>biss</u> illi l-imputat offra li jipprovdi d-droga kokaina lil Pantalleresco, tant illi effettivament ghaddielu sustanza li ghal Pantalleresco kienet verament kokaina u dan tal-ahhar hallsu taghha, indipendentement minn jekk din is-sustanza kinitx verament kokaina, ghal fini tal-ligi, huwa traffika d-droga kokaina. Kif inghad fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta tat-12 ta' Ottubru 2001, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Ronald Psaila</u>**, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza fl-istess ismijiet tat-8 ta' Jannar 2002 (Appell Nru. 187/2001):

"*Minn din id-disposizzjoni tal-ligi johrog car li r-reat ta' Traffikar jikkonfigura anki jekk persuna **toffri** li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikata f'dan l-Artikolu. Fit-test ingliz, il-kelma "joffri" hija trodotta bil-kelma "offer". Issa stante li ma hemmx fl-Ordinanza definizzjoni ta' din il-kelma, allura ghall-finijiet ta' interpretazzjoni, din ghandha tittiehed fis-sinifikat ordinarju taghha, u cioe` li, spontaneament jew fuq rikjesta, direttament jew indirettament, **<u>persuna turi</u>**, bil-*

[12] A fol. 29 u 30 tal-process.

*fatt jew bil-kliem, id-disponibilita` taghha li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikati.*

*In propositu huma interessanti l-osservazzjonijiet maghmula fil-Blackstone Criminal Practice 2001 – (11th Ed. B20.29) fuq l-interpretazzjoni tal-frasi "***Offering to Supply***" kontenuta fil-Misuse of Drugs Act 1971 s. 4. "***An offer may be made by words or conduct … Whether the accused intends to carry the offer into effect is irrelevant; the offence is complete upon the making of an offer to supply***" *(vide kazistika indikata – pg. 776).*"

Kif imbaghad inghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza fl-istess ismijiet, fuq citata:

"*Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, appena l-appellant accetta li jaqdi lill-persuna li kienet cemplitlu immaterjalizza r-reat ta' traffikar fir-raza tal-cannabis u mhux, kif donnu qed jippretendi l-appellant, ir-reat ta' tentattiv ta' traffikar*".

Dwar l-offerta li wiehed jipprovdi d-droga u b'referenza ghal *Misuse of Drugs Act 1971 s. 4*, jinghad hekk fil-*Misuse of Drugs and Drug Trafficking Offences*[13]:

"*Although, in the ordinary way, a person is entitled to be judged on the facts as he believed them to be ... the mischief which the legislature has sought to punish is the act of making an offer to supply a controlled drug, irrespective as to whether the offer was bogus in nature, or not*.

…

*The offences ... may be committed even though the substance supplied (or offered) is not the drug that it was thought to be and was not even a controlled drug: see Haggard v Mason [1976] 1 W.L.R. 187; Goodard [1992] Crim. L.R. 588 and Mitchell (June 3, 1992, unreported).*

*In Haggard v Mason ... M bought 1,000 tablets of what he believed to be lysergide (LSD), a Class A controlled drug, and sold some of the tablets to Heward. Heward similarly believed the substance to be LSD whereas, in fact, it was Bromo STP (another hallucinogenic drug, similar in effect and appearance to LSD but not then*

[13] Fortson Rudi QC, *Misuse of Drugs and Drug Trafficking Offences*, 6th edition, Sweet & Maxwell, (2011).

*controlled under the 1971 Act). M was convicted of offering to supply a controlled drug to H contrary to ... the 1971 Act.*

*Held: appeal dismissed: "In my judgement, the offence was completed at the time when the appellant met Heward and offered to sell him a quantity of lysergide. It matters not in relation to the offence of offering to supply that what is in fact supplied pursuant to that offer, the offer having been accepted, is not in fact a controlled drug*".[14]

F'dan il-kaz, ghalhekk appena l-imputat accetta li jaqdi lil Pantalleresco fuq rikjesta ta' dan tal-ahhar sabiex jixtri minghandu d-droga kokaina, huwa rrenda ruhu hati ta' traffikar tad-droga kokaina, u huwa rrilevanti jekk dak li finalment gie mibjugh lill-istess Pantalleresco mill-imputat kinitx kokaina jew xi sustanza ohra.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat fil-grad rikjest mil-ligi.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali aggornata tal-imputat, li m'hijiex wahda refrattarja, kif ukoll illi mill-provi jirrizulta illi dan ir-reat sehh f'okkazzjoni wahda u li s-sustanza nvoluta kienet tikkonsisti fi gramma. Qieset ukoll illi ghalkemm dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2008, l-imputazzjoni odjerna nharget f'April tas-sena 2012 u l-kawza bdiet tinstema' f'Jannar tas-sena 2013. Il-Prosekuzzjoni, imbaghad, ghalqet il-provi taghha f'Jannar tas-sena 2014. Huwa veru wkoll illi wara din id-data nghataw tliet differimenti ghal ragunijiet imputabbli lid-difiza – tnejn minnhom ghaliex l-avukat difensur ma dheritx (f'okkazzjoni minn dawn, l-avukat difensur spjegat dan in-nuqqas) u f'okkazzjoni ohra ghaliex ma dherx l-imputat minkejja li kien notifikat. Madankollu, id-dewmien fil-proceduri zgur li ma kienx attribwibbli fil-maggor parti tieghu ghal ragunijiet imputabbli lill-imputat. Ghaldaqstant, il-Qorti jidhrilha illi fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi kollha, piena fil-minimu tkun wahda idonea.

Fir-rigward tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri, stante illi kemm ir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, kif ukoll ir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada taw ezitu kompletament negattiv, il-Qorti m'hijiex qeghda tikkundanna lill-hati ghall-hlas ta' dawn l-ispejjez.

[14] *Ibid.*, p. 264.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghall-piena ta' **sitt (6) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' seba mija u hamsin Euro (€750)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar minn meta l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda tigi erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. B'dan illi kemm il-darba l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija, il-Qorti qeghda tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tordna lill-hati ihallas l-ispejjez tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna r-rilaxx tal-*mobile* esebit bhala Dokument JF 3 favur il-hati.

Tornda wkoll id-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala Dokument JF 2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat